MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
MARIO SCERRI**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 5/2007

Maltacom plc [C 22334]

vs

Katherine Louise Jones

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

“Illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ Maltacom plc is-somma ta’ mija u erbgha u erbghin lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (*rectae sitta u hamsin*) [Lm144.56] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21558435 [A/C no. 40040889] skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma’ l-ispejjez, l-imghaxijiet u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali mibghuta f’Dicembru 2006, u tal-VAT fuq id-drittijiet

professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenuta giet debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-termini tal-artikolu 187(3) tal-Kapitoli 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Billi ghalkemm innotifikata skond il-ligi l-konvenuta ma deheritx ghall-udjenza tat-2 ta' Lulju 2007, ghal liema gurnata kienet tinsab imhollija l-kawza wara d-digriet tal-15 ta' Gunju 2007, u wkoll wara li l-kawza giet debitament imsejha skond il-ligi, il-konvenuta baqghet ma deheritx.

Fl-istess udjenza tat-2 ta' Lulju 2007, sama' lil Emanuel Cini, *customer service officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu u li l-konvenuta ghadha ma hallset xejn minnu.

Fl-udjenza wkoll tat-2 ta' Lulju 2007, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuta, u fl-udjenza tat-13 ta' Lulju 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenuta wara li giet debitament imsejha diversi drabi skond il-ligi u baqghet ma deheritx, u l-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenuta.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici, u jikkundanna lill-konvenuta Katherine Louise Jones sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbgha u erbghin liri Maltin u sitta u hamsin centesimi [Lm144.56] ekwivalenti ghal tliet mija u sitta u tletin Euro u tlieta u sebghin centesimi Euro [Euro336.73], ammont dovut bhala hlas li l-konvenuta halliet pendenti in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21558435 [A/C no. 40040889), bl-imghax legali b'effett mill-

prezentata tal-ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluzi wkoll dawk tal-ittra ufficjali numru 886/2006 tas-7 ta’ Dicembru 2006, kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------